31989R2053

11.7.1989 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 195/11

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE)Nru 2053/89

tal-10 ta' Lulju 1989

li jistabilixxi liġijiet dettaljati għall-applikazzjoni ta' sistema ta' prezzijiet minimi għall-importazzjoni ta' xi ċirasa pproċessata

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 426/86 tal-24 ta'Frar 1986 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fi prodotti proċessati mill-ħaxix u l-frott [1], kif l-aħħar emendat mir- Regolament (KEE) Nru 1125/89 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1676/85 tal-11 ta'Ġunju 1985 fuq il-valuta monetarja u r-rati tal-kambju li għandhom jiġu mplimentati għal raġunijiet ta' politika komuni ta' l-agrikoltura [3], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1636/87 [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Billi l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Nru 426/86 jipprovdi għall-applikazzjoni ta' prezz minimu għall-importazzjoni ta' xi prodotti elenkati fl-Anness I, parti B ta' dak ir-Regolament; filwaqt li xi ċiras pproċessat ġiet mehmuża, mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2247/88 [5], mall-lista ta' prodotti soġġetti għal dawn l-emendi;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3225/88 [6] jistipula regoli ġenerali li jirrelataw mas-sistema ta' prezzijiet minimi għall-importazzjoni ta' xi ċiras pproċessat; billi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' din is-sistema għandhom jiġu stabbiliti; billi r-raġuni għal dawn ir-regoli għandha tkun li żżomm innegozjanti milli jevitaw l-osservanza tal-prezzijiet minimi permezz ta' prezzijiet qarrieqa li huma diffiċli li wieħed jiskoprihom u jiġġieldilhom b'mod effettiv; filwaqt li prezzijiet qarrieqa bħal dawn jista' jkollhom konsegwenzi serji għas-suq tal-Komunità fejn jidħlu l-prodotti in kwistjoni, u n-nuqqas ta' ċċarġjar ta' taxxi kompensatorji li jirriżultaw joħloq telf konsiderevoli fejn jidħlu riżorsi tal-*budget*;

Billi sabiex tiġi prevenuta frodi u l-konsegwenzi ta' ħsara għas-suq taċ-ċiras pproċessat in kwistjoni ġġib magħha, sistemi ta' kontrolli ta' dwana sostanzjalment imsaħħa għandhom jiġu stabbiliti; filwaqt li l-awtoritajiet tad-dwana nazzjonali għandhom jivverifikaw jekk il-prezz minimu ta' mportazzjoni huwiex osservat ma' kull kunsinna mportata u, fl-eventwalità ta' nuqqas ta' osservazzjoni ta' dak il-prezz jimponu t-taxxa kompensatorja li hija ekwivalenti għad-differenza bejn il-prezz minimu ta' mportazzjoni u l-prezz ta' mportazzjoni dikjarat;

Billi madanakollu, l-iskop ewlieni ta' sistema ta' prezzijiet minimi għall-import,azzjoni, huwa li tiggarantixxi li prodotti minn pajjiżi tat-tielet dinja ma jfixklux is-suq tal-Komunità minħabba li l-prezzijiet li bihom qegħdin jiġu offruti huma baxxi wisq; filwaqt li l-istess osservazzjoni tal-prezz minimu ta' mportazzjoni għandha konsegwentament tiġi verifikata sa l-istadju tal-bejgħ; billi għandu jkun hemm riferenza, bħala turija ta' l-osservazzjoni tal-prezz minimu għall-importazzjoni, għad-dokumenti li jistabilixxu l-prezz għal bejgħ mill-ġdid;

Billi r-riskji li prezzijiet għall-l-importazzjoni iddikjarati b'mod qarrieqi huma għoljin; billi proċedura speċjali għandha tiġi stabbilita li tikkonċerna każijiet sospetti ta' dikjarazzjonijiet foloz;

Billi f'każijiet fejn il-prezz minimu għall-importazzjoni ma ġiex osservat, għandu jiġi assigurat l-ġbir tal-ħlas kompensatorju; billi b'dak il-għan il-prodotti jistgħu jiġu mħollija skond l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/695/KEE [7], kif l-aħħar emendat mid-Direttiva 81853/KEE [8] u l-Artikolu 20 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 82/57/KEE [9], kif l-aħħar emendat mid-Direttiva 83/371/KEE([10]); billi l-importatur għandu jforni prova ta' konformità mall-prezz minimu; billi żmien limitat għall-forniment ta' din l-istess prova għandu jiġi wkoll speċifikat;

Billi huwa wkoll neċessarju li jiġu ntrodotti tfittxijiet *a* posteriori fuq l-importazzjonijiet; filwaqt illi l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom iwettqu tfittxijiet bl-addoċċ fuq xi 10 % mill-kunsenji mportati; filwaqt li huwa għalhekk meħtieġ li n-neguzjanti jżommu d-dokumenti rilevanti għal perijodu speċifiku, bl-iskop li jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti; filwaqt li l-perijodu għandu jiġi limitat għal tlett snin wara s-sena li fiha d-dikjarazzjoni għall-helsien għal ċirkulazzjoni libera ġiet aċċettata;

Filwaqt li l-Kummissjoni għandha tiġi nfurmata fuq it-tfittxijiet magħmula għall-verifikazzjoni ta' l-osservanza tal-prezzijiet minimi għall-importazzjoni;

Filwaqt li l-Kumitat ta' Ġestjoni għal Prodotti Proċessati mill-Ħaxix u l-Frott ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stipulat mill-president tal-tiegħu,

---

[1] ĠU L 49, tas-27.2.1986, p. 1.
[2] ĠU L 118, tad-29.4.1989, p. 29.
[3] ĠU L 164, ta' l-24.6.1985, p. 1.
[4] ĠU L 153, tat-13.6.1987, p. 1.
[5] ĠU L 198, tas-26.7.1988, p. 21.
[6] ĠU L 288, tal-21.10.1988, p. 11.
[7] ĠU L 205, tat-13.8.1979, p. 19.
[8] ĠU L 319, tas-7.11.1981, p. 1.
[9] ĠU L 28, tal-5.2.1982, p. 38.
[10] ĠU L 204, tat-28.7.1983, p. 63.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Prinċipji u definizzjonijiet

Artikolu 1

Il-prezz minimu għall-importazzjoni ta' xi ċiras pproċessat għandu jiġi maħsub li jkun osservat meta l-prezz minimu għall-importazzjoni m'huwiex inqas mill-prezz minimu għall-importazzjoni applikabbli fil-ġurnata li fiha d-dikjarazzjoni għall-ħelsien għal ċirkulazzjoni libera tiġi aċċettata.

Artikolu 2

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, il-fatturi li ġejjin għandhom jikkonstitwixxu l-prezz għall-importazzjoni:

(a) il-prezz *fob* fil-pajjiż ta' oriġini; u

(b) spejjeż ta' assigurazzjoni u trasport għal raġuni ta' ntroduzzjoni fit-territorju tad-dwana tal-Komunità.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, 'il-prezz *fob*' ifisser il-prezz imħallas fuq il-post jew li għandu jitħallas għall-kwantità ta' prodotti miżmuma fil-kunsenja, li jinkludi l-ispiża biex il-kunsinja tiġi mqiegħda fuq mezż ta' trasport fil-post ta' tagħbija fil-pajjiż ta' oriġini u spejjeż oħra li jsiru f'dak il-pajjiż. Il-prezz *fob* ma jinkludix l-ispiża ta' kwalunkwe servizzi a karigu tal-bejjiegħ minn x'ħin il-prodotti jiġu mqiegħda abbord mezż ta' trasport.

3. Meta jinstab li l-prezzijiet fuq bejgħ mill-ġdid, b'mod dirett jew permezz ta' kummerċ intermedjarju, huma aktar minn 15 % inqas mill-prezz minimu għal kunsinja mportata, il-medja miżuna ta' dawk il-prezzijiet għandha tiġi meqjusa bħala l-prezz għall-importazzjoni.

4. Meta l-fatturi msemmija fil-paragrafu 1 huma espressi f'munita oħra minn dik tal-Pajjiż Membru li fih il-prodotti huma rilaxxjati għal ċirkulazzjoni libera, ir-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1766/85 [1] fuq ir-rati tal-kambju li għandhom jintużaw fid-determinazzjoni tal-valur tad-dwana għandu japplika.

5. Il-prezz għall-importazzjoni għandu jintwera fid-dikjarazzjoni għall-ħelsien għal ċirkulazzjoni libera.

6. L-utent aħħari, għall-għanjiet ta' dan ir-Regolament, għandu jkun jew manifattur li juża l-prodott imsemmi bil-għan li jipproċessah fi prodott ieħor li huwa skond il-kodiċi tal-KN xort' oħra minn dawk murija fid-dikjarazzjoni għall-ħelsien għal dikjarazzjoni libera, jew negozjant li jbigħ b'mod esklussiv lill-konsumaturi.

7. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, kunsinja mportata għandha tiġi magħmula mill-prodotti kollha soġġetti għall-istess dikjarazzjoni kollha kemm hi għall-ħelsien għal ċirkulazzjoni libera.

Artikolu 3

Il-prezz minimu għall-importazzjoni għandu jiġi aġġustat minn koperazzjoni monetarja meqjusa b'tali mod li tikkonverti dak il-prezz bir-rata tal-kambju medja użata fit-twaqqif jew l-alterazzjoni ta' l-ammonti monetarji kumpensatorji.

[1] ĠU L 168, tat-28.6.1985, p. 21.

Kontroll u taxxi fuq l-importazzjoni

Artikolu 4

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom, kull meta dikjarazzjoni għall-ħelsien għal ċirkulazzjoni libera tiġi aċċettata, jikkumparaw il-prezz ta' l-importazzjoni dikjarat mal-prezz minimu għall-import applikabbli għall-merkanzija fil-ġurnata li fiha d-dikjarazzjoni tiġi aċċettata.

Meta l-prezz muri fuq il-fattura huwa għall-pagament differit għal perijodu li jeċċedi t-tlett xhur, il-prezz muri fuq il-fattura għandu jiġi mnaqqas b'1 % għal kull xahar ta' differiment mogħti barra dawk it-tlett xhur.

Artikolu 5

Meta l-prezz tal-importazzjoni huwa inqas mil-prezz minimu tal-importazzjoni applikabbli għall-merkanzija, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiċċarġjaw somma kumpensatorja ekwivalenti għad-differenza bejn dawk il-prezzijiet.

Proċedura speċjali ta' kontroll

Artikolu 6

1. Meta l-awtoritajiet tad-dwana għandhom dubji validi li l-prezz li jidher fid-dikjarazzjoni għall-ħelsien għal ċirkulazzjoni libera jirrifletti l-prezz għall-importazzjoni attwali, għandhom jinħtieġu l-importatur li jforni fi żmien sitt xhur prova li l-prodott ġie mibjugħ b'kundizzjonijiet li jassikuraw li l-prezz minimu għall-importazzjoni kien osservat, bla preġudizzju lejn l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 13 tad-Direttiva 79/695/KEE u l-Artikolu 20 tad-Direttiva 82/57/KEE.

2. Iż-żmien limitat stipulat fil-paragrafu 1 jista' jiġi estiż mill-awtorità kompetenti bi tlett xhur l-iktar f'applikazzjoni mill-operatur ġustifikata kif xieraq.

Artikolu 7

1. Il-prezz tal-importazzjoni minimu għandu jiġi meqjus li jkun osservat jekk l-importatur iforni prova fejn jidħlu mqar 95 % tal-kunsinja mportata li l-prodott ġie mibjugħ lill-utent aħħari mingħajr aktar ipproċessar, wara li ġie ppakkjat, b'mod dirett jew permezz ta' intermedjarji kummerċjali bi prezz għall-inqas ekwivalenti għall-prezz minimu tal-importazzjoni.

2. Jekk il-prova mill-uitent aħħari ma tistax tiġi ppreżentata minkejja l-passi kollha meħudha mill-importatur, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaċċettaw provi oħra bl-iskop li juru li l-prodott kien mibjugħ b' kundizzjonijiet li jindikaw li l-prezz minimu għall-importazzjoni ġie osservat.

3. L-applikazzjoni għall-proċedura speċjali ta' kontroll għandha tkun mingħajr preġudizzju lejn it-tfittxijiet *a posteriori* msemmija fl-Artikoli 8, 9 u 10.

Tfittxijiet *a posteriori*

Artikolu 8

L-importatur għandu jżomm disponibbli għall-eżami mill-awtoritajiet kompetenti, bi skop ta' tfittxijiet *a posteriori*, prova ta' pagament lill-bejjiegħ u d-dokumenti kummerċjali kollha bħal fatturi, kuntratti u korrispondenza li tikkonċerna x-xiri u l-bejgħ tal-prodotti msemmija għal mill-inqas tlett snin wara s-sena li fiha d-dikjarazzjoni għal ċirkulazzjoni libera ġiet aċċettata.

Artikolu 9

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu tfittxijiet bl-addoċċ.

2. Tfittxijiet għandhom jitwettqu kull sena fuq xi 10 % mill-kunsinni mportati.

Artikolu 10

Meta, matul it-tfittxija, l-awtoritajiet kompetenti isibu li l-prezz minimu tal-importazzjoni ma ġiex osservat, dawn għandhom jiċċarġjaw somma kompensatorja mnaqqsa bl-ammont diġa mħallas bħala somma kompensatorja.

Provvedimenti Finali

Artikolu 11

Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni darba f'sena, qabel l-aħħar ta' l-ewwel sitt xhur, fuq it-tfittxijiet imwettqa fis-sena preċedenti biex jivverifikaw l-osservanza tal-prezzijiet minimi tal-importazzjoni.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fit-tmien ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Lulju 1989.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni